# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 51**

**Rikors numru 155/19/1 MH**

**Nicholas Vella**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali**

1. Il-partijiet appellaw mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Marzu 2023.

2. Il-fatti huma s-segwenti: Fit-28 ta' Ġunju 2016 instab fuq il-konvenut ħaxix li suspettat li hu *cannabis*. Minn tfittixija li saret f'garaxx fl-Imsida instabet iktar droga. Dakinhar stess il-konvenut ta stqarrija lill-pulizija li matulha ma kienx assistit minn avukat. Stqarrija li rrifjuta li jiffirma. Qabel ta l-istqarrija, iffirma dikjarazzjoni fejn iddikjara li ngħata l-

jedd li jitkellem ma' avukat u ngħata ittra bid-drittijiet, u li qiegħed jirrinunzja milli jitkellem ma' avukat qabel issir l-interrogazzjoni.

3. Fid-29 ta' Ġunju 2016 il-konvenut tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u *inter alia* ġie akkużat bi traffikar tar-raża tal-*cannabis* u tal-pjanta *cannabis* kif ukoll li kellu dik id-droga fil-pussess tiegħu. Fid-29 ta' Ġunju 2016 l-Avukat Ġenerali ħareġ ordni li l-akkużat għandu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkużi. Waqt l-inkjesta li saret mill-Maġistrat Inkwirenti, kien tqabbad ix-xjenzat Godwin Sammut (Dipartiment tal-Kimika tal-Università ta' Malta) sabiex janalizza s-sustanza li nstabet u li dwarha kien hemm is-suspett li hi droga. B'rapport tat-28 ta' Marzu 2017 l-espert iċċertifika li fuq estratti meħuda minn fuq il-blokok instabet sustanza li tiġi mill-pjanta tal-*cannabis*. L-istess fuq estratti meħuda minn ħaxix aħdar. Meta xehed l-espert ikkonferma li l-laboratorju ma kienx akkreditat. Waqt il-kumpilazzjoni fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2018 xehed Nigel Micallef u l-prosekuzzjoni ddikjarat li mhux ser jittieħdu proċeduri kriminali kontrih. Micallef reġa' xehed fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2019 u l-prosekuzzjoni eżebit stqarrija li ta lill-pulizija fit-28 ta' Ġunju 2016. Fiż-żmien tal-istqarrija x-xhud kellu dsatax-il sena. Il-verżjoni li ta fl-istqarrija ma taqbilx ma dak li xehed quddiem il-Qorti Istruttorja, u dan fir-rigward ta' min hu s-sid tas-*safe* li nstab fil-kamra tas-sodda tiegħu u l-kontenut ta' ġo fih. Fil-5 ta' Novembru 2019 inħareġ l-att ta' akkuża u l-proċeduri kriminali għadhom

pendenti. Fin-nota tal-eċċezzjonijiet li ppreżenta fil-31 ta' Lulju 2019 argumenta *inter alia* li l-proċeduri huma nulli għaliex id-droga li nstabet ġiet analizzata f'laboratorju mhux akkreditat, kif ukoll talab l-isfilz tal-istqarrija tiegħu u tax-xhud Nigel Micallef. Eċċezzjoni bażata fuq il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.31.

4. Fit-28 ta' Awwissu 2019 ir-rikorrent fetaħ il-kawża fejn ilmenta dwar l-istqarrija tiegħu u ta' Nigel Micallef, kif ukoll li l-eżami tad-droga sar f'laboratorju mhux akkreditat bi ksur tal-Council Framework Decision 2009/905/HA u li saret liġi permezz tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.31. Għalhekk talab lill-Qorti sabiex:

> "1. *Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi l-laboratorju fejn giet analizzata d-droga misjuba mhux akkreditat skont id-Direttivi Ewropej gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
>
> 2. *Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi l-esponenti u x-xhud Nigel Mi- callef fil-proceduri kriminali kontrih ma kellhomx l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni taghhom, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal- esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;"*

5. L-Avukat Ġenerali wieġeb u oppona għat-talbiet. Tweġiba li iżjed tixbaħ nota ta' sottomissjonijiet. Fiha *inter alia* argumenta li l-kawża hi intempestiva (tieni eċċezzjoni), il-kwistjoni dwar l-ammissibilità ta' provi hi ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali (tielet eċċezzjoni), il-

Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.31 ma tapplikax għall-każ in eżami (raba' eċċezzjoni), id-dritt ta' smigħ xieraq ma jfissirx dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni apparti li r-rikorrent ma kienx imġiegħel jagħmel stqarrija (ħames eċċezzjoni), u l-oġġezzjoni għall-istqarrija ta' Nigel Micallef tista' titqajjem biss mill-persuna li għamlet l-istqarrija.

6. B'sentenza tas-27 ta' Marzu 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet:-

> *"Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat.*
>
> *Tilqa it-tieni eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat li f'dan l-istadju tal-proċeduri, qabel ma jiġu determinati dawk kriminali, ma tistax tintlaqa' it-talba li hemm ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzzjoni.*
>
> *Tiċħad l-ewwel talba ta' ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq maħsub ai termini ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni sa fejn jirrigwarda l- analiżi tad-droga ġo laboratorju mhux akkreditat u tilqa b'hekk ir-raba' eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat, pero tiċħad it-tielet eċċezzjoni fir-rigward.*
>
> *Fir-rigward tat-tieni talba ma ssib ebda ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni la fir-rigward ta' l-istqarrija tar-rikorrenti u lanqas fir-rigward ta' dik ta' Nigel Micallef kif ġia ingħad, GĦALHEKK IT-TALBA HI HEKK MIĊĦUDA, pero għar-ragunijiet ġia esposti tqies li biex ma jiġix kontaminat il-proċess Kriminali li l-istqarrija*
>
> *BISS tar-rikorrenti meħuda mingħajr id-dritt ta' assistenza legali matul l- interrogatorju m'għandhiex tagħmel parti iżjed mill-atti Kriminali. Tiddisponi b'hekk mill-ħames eċċezzjoni ta' l-Avukat ta' l-Istat fil-waqt li tilqa' s-sitt waħda.*
>
> *In kwantu għat-tielet talba tqies li dawn id-dikjarazzjonijiet sa fejn kompatibbli mat-talbiet tar-rikorrenti għandhom ikunu rimedju sodisfaċenti.*
>
> *Kull parti għandha tbagħti l-ispejjez minna inkorsi".*

Appell ta' Nicholas Vella.

7. Fis-17 ta' April 2023 ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, bl-aggravji jkunu li:

i. Id-droga li nqabdet ġiet eżaminata minn Godwin Sammut f'laboratorju li ma kienx akkreditat u dan kontra *standards* barrarnin kif ukoll lokali u li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025. Dan in-nuqqas ma jwassalx għas-serħan tal-moħħ li l-ġbir u l-analiżi tad-droga hu konformi mal-liġi. Għalhekk hemm ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq għaliex dak li sar m'huwiex konformi mal-Liġi Sussidjarja u l-Liġi Ewropea.

ii. Il-każ tal-prosekuzzjoni hu prinċipalment bażat fuq stqarrijiet li ta r-rikorrent u ċertu Nigel Micallef, u li ngħataw mingħajr ma ingħatalhom id-dritt li jkunu assisti minn avukat ta' fiduċja tagħhom peress li fid-data rilevanti l-liġi ma kinitx tagħti dak id-dritt. Ir-rikorrent argumenta li l-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq seħħ hekk kif ta l-istqarrija. Isostni li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li hemm leżjoni ta' dritt għaliex tat rimedju fis-sens li l-istqarrija m'għandhiex tifforma parti mill-proċessi kriminali.

8. L-Avukat Ġeneral wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tar-rikorrent.

9. Fir-rigward tal-analiżi li saret mill-espert Godwin Sammut, l-Ewwel Qorti għamlet referenza għal dak li xehed Sammut u l-ġurisprudenza, u osservat:

> *"Għal kompletezza jingħad ukoll lir-rikorrenti tella' jixhed lil Claude Boffa, direttur tal-Accreditation Board li spjega l-vantaggi ta' l-akkreditazzjoni. Anke hu għamel referenza għal ISO 107025 recte ISO 10725. Pero jibqa' l-fatt li nonostante dak li jiddeponi l-istess Boffa fuq l-impatt u l-effett tal-akkreditazzjoni, li kif ġia ngħad m'hemmx l-obbligu ta' tali akkreditazzjoni sa fejn jirrigwarda l-analiżi tad-droga kif inhu l-kaz in kwistjoni. Terġa tfakkar li l- espert in mertu kien wieħed nominat mill-Magistart Inkwerenti, espert tal-Qorti li jgawdi mill-fiduċja ta' l-istess u huwa ben staġonat u rispettat f'xogħolu u kif dejjem kkonduċa l-istess.*
>
> *Huwa ċar kristallin li nonostante dak propost mir-rikorrenti l-legislazzjoni sussidjara 460.31 li trasponit id-Deċiżjoni Kwadru MHUX applikabbli għal laboratorji konċernati bl'analiżi ta' droga. Oltre hekk mix-xhieda tax-xjentist Godwin Sammut jiriżulta li hemm in pratika dawk il-kontrolli kollha biex jiġi assigurat riżultat imparzjali, ġust u korret. Fil-fatt kif ben iddepona Godwin Sammut, l-akkreditazzjoni, anke jekk hija t-triq maħsuba fil-futur, mhu se tbiddel* ***xejn*** *mill-kontrolli li* ***ġia*** *huma adoperati fil-laboratorju in kwistjoni.*
>
> *Punt ieħor fir-rigward li jogħkor lil Qorti illi tul l-Istruttorja kollha, l-akkuzat illum ir-rikorrenti, ma lmenta qatt minn dan l-analiżi jew r-riżultanzi presentati, issa rinfaċċat bl-Att ta'Akkuza ħass ruħu hekk aggravat.*
>
> *Konsegwentement in linea ma' dak kollu kkunsidrat hija tal-fehma illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija miċħuda u l-eċċezzjoni numru 4 ta' l-Avukat ta' l-Istat fir-rigward hija ġusta".*

10. L-ilment tar-rikorrent dwar l-analiżi li saret f'laboratrju mhux akkreditat, hi materja li għandha tiġi trattata u deċiża fil-proċeduri kriminali. Mir-rikors promotur hu ċar li l-ilment tar-rikorrent kien li skont il-liġi Maltija, il-laboratorju fejn saret l-analiżi kellu jkun akkreditat.

Kwistjonijiet dwar ammissibilità ta' provi għandhom jitressqu u jiġu deċiżi mill-Qorti li ser tiddeċiedi l-meritu tal-każ, f'dan il-każ il-Qorti Kriminali. Illum il-ġurnata saru jfaqsu kawżi b'ilmenti simili meta l-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti. Dan qiegħed iwassal għal ħafna telf ta' żmien bla bżonn.

11. F'kull każ il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 460.31 (*Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensiċi Li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji*) tagħmilha ċara li tapplika fil-każ ta' attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi profil tad-DNA u data dattiloskopika (ara tifsira f'regolament 3).[1] L-inkarigu li ngħata lill-espert tal-Qorti ma kellu x'jaqsam xejn ma' dawk l-attivitajiet. Il-Qorti żżid li l-fatt waħdu li l-laboratorju li fih saret l-analiżi m'huwiex akkreditat, ma jfissirx awtomatikament li l-prova hi kontaminata.

12. Fl-appell ir-rikorrent argumenta li n-nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju jwassal sabiex il-prova mhijiex attendibbli. Żied li dan in-nuqqas jolqot il-prinċipju bażiku li l-prosekuzzjoni għandha tressaq l-aqwa prova, sabiex tkun waħda relevanti u attendibbli. Dawk huma argumenti li d-difiża trid tagħmel fil-ġuri u eventwalment f'appell f'każ li l-akkużat jinstab ħati tal-akkużi, u mhux f'kawża ta' din ix-xorta. Dan apparti li l-espert ser jixhed fil-ġuri u d-difiża ser ikollha l-opportunità tagħmillu

[1] Skont regolament 3 l-ordni timplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-kunsill 2009/905/GAI tat-30 ta' Novembru 2009.

kontro-eżami bil-għan li tikkonvinċi lil min irid jiddeċiedi li l-analiżi u r-rapport li saru m'humiex provi li tista' tistrieħ fuqhom. Kieku riedet id-difiża kellha l-opportunità li tinkludi fil-lista tax-xhieda tagħha persuni tekniċi midħla tal-akkreditazzjoni ta' laboratorji, biex tikkonvinċi lil min irid jiddeċiedi dwar in-nuqqas ta' attendibilità tal-prova teknika li ressqet il-prosekuzzjoni.

13. Għal dak li jirrigwarda l-istqarrijiet li jkunu ttieħdu mingħajr l-assistenza ta' avukat, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti hi ċara. L-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza inkluż dik tal-QEDB fil-konsiderazzjonijiet li għamlet b'referenza għat-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, ċjoè li l-ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq jeħtieġ li jiġi kkunsidrat minn eżami ta' dak li sar mill-bidu sat-tmien tal-proċeduri kriminali. Fis-sentenza Graziella Attard v. Avukat Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2019 din il-Qorti qalet:

> *"9. Igħid sew għalhekk l-Avukat Ġenerali illi l-jedd mogħti taħt l-art. 6 tal- Konvenzjoni (kif ukoll taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni) huwa l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd li tkellem avukat qabel interrogazzjoni mill-pulizija (għalkemm issa dak il-jedd ingħata bis-saħħa ta' strumenti leġislativi oħra), u* ***illi biex tgħid jekk tħarisx il-jedd għal smigħ xieraq trid tqis il-proċess kollu, u mhux biss episodju iżolat, sakemm ma jintweriex illi dak l-episodju kellu effett hekk drastiku illi ikkontamina l-proċess kollu****"*.

14. Raġunament li japplika kemm għall-istqarrija li jkun ta l-akkużat fl-istadju ta' investigazzjoni kif ukoll stqarrijiet li ngħataw minn terzi. Fil-każ

tax-xhud Nigel Micallef ma jirriżultax li ttieħdu proċeduri kriminali kontrih. Xhud li ser jerġa' jixhed fil-ġuri u b'hekk jerġa' jagħti *viva voce* quddiem min irid jixhed. Jitwemminx jew le hi materja imħollija f'idejn il-ġurati. Li hu ċert hu li d-difiża għandha l-opportunità tagħmillu domandi wkoll b'referenza għall-istqarrija li għamel.

15. L-ordni li tat l-Ewwel Qorti li l-istqarrija tal-konvenut m'għandhiex tibqa' fl-atti tal-proċeduri kriminali, kienet biss prekawzjoni. Materja li hi oġġett tal-appell li ppreżenta l-Avukat Ġenerali.

<u>Appell tal-Avukat Ġenerali</u>.

16. Permezz ta' rikors preżentat fit-13 ta' April 2023 l-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dik il-parti li ordnat li l-istqarrija tal-konvenut *".... m'għandhiex tagħmel parti iżjed mill-atti kriminali"*. L-Avukat Ġenerali argumenta li meta saret l-istqarrija:

i. Il-konvenut kellu 30 sena u għalhekk ta' ċerta maturità u esperjenza;

ii. M'hemmx prova li kien persuna vulnerabbli;

iii. M’hemmx provi li l-istqarrija ittieħdet bi vjolenza, theddid jew wegħda ta’ favur jekk iwieġeb b’ċertu mod;

iv. Irrifjuta li jitkellem ma’ avukat qabel ta l-istqarrija;

v. Il-fedina penali tar-rikorrent turi li ma kinitx l-ewwel darba li kienet saritlu interrogazzjoni mill-pulizija;

17. Kompla li waqt il-ġuri, l-Imħallef jagħti direzzjoni lill-ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrija li ta l-akkużat jekk mill-provi jirriżulta li ma ttieħditx skont il-liġi, jew jekk avveraw iċ-ċirkostanzi li jissemmew fis-sentenza ta’ Beuze. F’kull każ dejjem jibqa’ d-dritt tiegħu li jappella mis-sentenza tal-Qorti Kriminali. Għalhekk m’għandhiex tkun il-Qorti Kostituzzjonali li tiddeċiedi minn qabel jekk l-istqarrija hijiex ammissibbli jew jekk għandhiex valur probatorju.

18. Ir-rikorrent ma weġibx.

19. Riċentement din il-Qorti fis-sentenza Romario Barbara v. L-Avukat Ġenerali tat-12 ta’ Lulju 2023 ikkunsidrat aggravju identiku, u ħadet il-posizzjoni li l-istqarrija m’għandhiex titneħħa mill-proċess tal-kawża kriminali u għandha tkun il-Qorti Kriminali li waqt il-ġuri tagħti d-direzzjoni li hemm bżonn lill-ġurati dwar il-valur probatorju tal-istqarrija u jekk

jirriżultawx ċ-ċirkostanzi li jissemmew fil-linja gwida li tat il-QEDB fis-sentenza Beuze v Belġju tal-2018 (ara paġna 46 ta' dik is-sentenza).[2] F'dik is-sentenza ngħad *inter alia*:

> *"18. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġi diskuss f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru ikunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li għandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.*
>
> ...............
>
> *20. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill- preżunzjoni tal-innocenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.*
>
> *21. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal- kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur".*

[2] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello tas-27 ta' Jannar 2021.

20. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tirrevedi din il-fehma, iktar u iktar meta ġie deċiż li l-ilment dwar ksur ta' smigħ xieraq hu intempestiv.

21. Għaldaqstant, tilqa' l-aggravju tal-Avukat Ġenerali.

Deċiżjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet:-

1. Tiċħad l-appell tar-rikorrent bl-ispejjeż kollha kontrih.

2. Tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u tvarja s-sentenza tas-27 ta' Marzu 2023 fis-sens li tħassar dik il-parti li ordnat li l-istqarrija tar-rikorrent m'għandhiex titħalla fl-atti tal-kawża kriminali. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-appell tal-Avukat Ġenerali huma a karigu tar-rikorrent.

Tordna lir-Reġistratur sabiex kopja awtentika ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti Kriminali li quddiemha pendenti l-kawża Ir-Repubblika

ta' Malta v. Nicholas Vella (Att ta' akkuża 6/2019) jkun jista' jkompli mingħajr iktar telf ta' żmien.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da